MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 165/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Micallef)**

**Vs**

**Raymond Martin Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Frar, 2004 fl-10.00 a.m. go Ta' Sura, Dingli Road, Rabat :**
**1) kiser il-garanzija maghmula fl-24 t'April, 2003 liema garanzija kienet maghmula skond id-disposizzjonijiet tas-sub artiklu 1 ta' l-artikolu 39 ta' l-Att XIV/2002;**

**2) ipprepara, ipprocessa jew offra ghall-bejgh hwejjeg ta' l-ikel ghall-konsum mill-bniedem, f'kundizjonijiet mhux sanitarji u mhux igenici;**
**3) zamm il-facilitajiet tad-drenagg mhux imfassla w mibnija b'mod li jigi evitat ir-riskju ta' kontaminazzjoni ta' l-ikel ghall-konsum mill-bniedem;**
**4) naqas li jzomm materja grezza w ingredjenti ta' l-ikel ghall-konsum mill-bniedem f'kondizzjonijiet adatti kif ukoll naqas li jhares l-istess ikel minn kull riskju ta' kontaminazzjoni;**
**5) zamm il-firxa, disinn u kostruzzjoni u d-daqs tal-post ta' l-ikel ghall-konsum mill-bniedem b'mod li ma jippermettix tindif adegwat sabiex tigi zgurata l-igjene fl-ikel.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Lulju, 2004, li biha, wara li rat Taqsima 4 Art 14(2)(d), Art 39(3) tal-Kap. 449, Avviz Legali 264/2002 Part I Reg 8, Part IX Reg 3, Part I Reg 3, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu jhallas multa ta' LM200 li ghandhom jithallsu f'rati mensili fi zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 t'Awissu, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w tirrevokaha billi tillibera lill-esponent minn kull piena w imputazzjoni jew, fin-nuqqas, tvarjaha billi filwaqt li tikkonfermaha inkwantu sabet lill-esponent hati taht l-artikolu 39(1) tal-Kap. 449 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra kollha dedotti kontra tieghu u allura minnhom tilliberah u tirriformha l-piena ghal wahda anqas severa w konformi mac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tenendo kont li llum dawn in-nuqqasijiet gew kollha rimedjati.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha ghax kiser l-*"undertaking*" li hu kien ghamel lill-awtoritajiet u allura kieku l-Ewwel Qorti ghamlet ezami akkurat ta' x'jirrikjedi l-artikolu 39**

**tal-Kap.449 tal-Ligijiet ta’ Malta, hu qatt ma seta’ jinstab hati. Illi l-undertaking in kwistjoni ma kienx unilaterali izda bilaterali bejn l-appellant u d-Dipartiment koncernat u ffirmat miz-zewg partijiet u hu intiz *“in lieu of punishment*” f’kaz li jigi osservat . L-appellant izid jghid li biex l-“undertaking” ikun validu , irid jirrispetta fl-icken dettall dak li tassattivament tesigi l-ligi fl-artikolu 39 fuq imsemmi. Illi mill-ezami tal-garanzija jidher li fiha la ghandu mnizzel li jrid jieqaf u lanqas ghandu periodu ta’ zmien meta ghandu jesegwixxi x-xogholijiet . Ghalhekk il-garanzija ffirmata mill-appellant ma hix fil-forma li trid il-ligi u ghalhekk m’ghandhiex effett legali. Subordinatament l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija tal-akkuzi l-ohra kollha ghax il-ksur tal-artikolu 39 (1) tal-Kap.499 jassorbi fih kull akkuza ohra u dan mhux biss ghax il-ksur tal-garanzija kien jelenka xogholijiet u gie akkuzat separatament ghalihom izda ukoll ghax l-istess sentenza hija motivata biss fuq il-ksur tal-artikolu 39 u tal-ebda ksur iehor . Di piu’ l-ligi trid li d-Dipartiment jaghazel bejn azzjoni w ohra ghax il-garanzija hija “in lieu of further proceedings” u l-ksur taghha per se jikkostitwixxi reat . Inoltre llum ix-xoghol kollu sar.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda waqt l-udjenza tat-30 ta’ Settembru, 2004;**

**Semghet lill-Avukat Dr. T. Abela jirrimetti ruhu ghall-kontenut tar-rikors tal-appell;**

**Rat in-nota tal-appellant bid-dokumenti maghha annessi ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-artikolu 39 tal-Att Dwar is-Sigurta’ fl-Ikel (Kap449 ) jiddisponi li :-**

***(a) Meta l-awtorita' tas-sahha jidhrilha li xi persuna li tkun tahdem f' xi negozju ta' l-ikel tkun agixxiet b' xi kondotta li tikkostitwixxi reat skond l-artikoli 11 sa 14 u l-artikoli 16 sa 19 , l-awtorita' tas-sahha tista' , fid-diskrezzjoni taghha, minflok ma tibda procedimenti kontra dik il-persuna , twissi dik il-persuna bil-miktub u titlob minnghandha garanzija bil-miktub li tieqaf mill-kondotta specifikata fil-garanzija ghal dak il-periodu li jkun miftiehem bejn il-partijiet koncernati , u , minghajr hsara ghas-subartikolu (3) , meta tinghata dik il-garanzija , ma jittiehdu ebda procedimenti ohra rigward dak ir-reat.***

***(3) Kull persuna li tikser xi garanzija maghmula skond is-subartikolu (1) tkun hatja ta' reat kontra dan l-artiklu."***

**Umbaghad l-artikolu 43 (3) jiddisponi li :-**

***Kull min jinsab hati ta' xi reat iehor* (i.e. mhux kontra l-artikolu 31) *kontra dan l-Att jehel* :**

***(a) meta jinsab hati ghall-ewwel darba , multa ta' mhux inqas minn mitejn lira u mhux izjed minn elfejn lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien;***

**Illi mit-termini tal-garanzija esebita a fol. 12 tal-process u li ggib id-data tal-24 t' April, 2003 (Dok. HB) u li iffirmata mill-appellant u Hadrian Bonello , Principal Health Inspector, jidher li l-appellant kien intrabat *"to remedy the ..contraventions at the period indicated and as the health authority may direct "* u dan b'riferenza ghad-deficjenzi "*as indicated in Annex 1".* Dan l-Annex 1 a fol. 13 taht il-kolonna intestata "**The Period agreed to by which contravention is to be remedied" **jghid ""All works should be carried out as per schedule hereunder " . Umbaghad a fol.14 hemm "List of Works to be carried out" taht kolonna wahda w, fil-kolonna l-ohra, hemm it-"Time Limit" ghall-kull wahda mix-xogholijiet rimedjali miftehma li kellhom**

**isiru f' diversi zminijiet differenti w mifruxa bejn it-28 t' April, 2003 sal-15 ta' Gunju, 2003.**

**Fid-dawl ta' dan kollu jidher li s-sottomissjoni bazata fuq il-fatt li fil-garanzija jrid jkun hemm zmien stipulat biex isiru x-xogholijiet rimedjali hija manifestament infondata ghax jirrizulta li kien hemm zmien miftiehem ghall-ezekuzzjoni ta' kull wahda mix-xogholijiet rimedjali miftehma.**

**Dwar li fil-garanzija ma hemmx ukoll stipulat li l-appellant kellu jieqaf mill-kondotta specifikata fil-garanzija ghall-dak il-periodu li jkun miftiehem bejn il-partijiet koncernati, hawn l-appellant ghandu ragun bhala fatt, izda hu ma giex akkuzat li ma waqafx izda li kiser il-garanzija u dal-ksur gie mfisser mix-xhieda li kien jikkonsisti filli ma ottemperax ruhu maz-zmien sakemm hu kellu jirmedja uhud minn-nuqqasijiet . Senjatament gie indikat li hu naqas li sal-15 ta' Gunju, 2003, ikun qed jopera l-istabiliment taht licenzja mid-Department of Trade u dan *"(upon approval from MEPA)".***

Mix-xhieda ta' Hadrian Bonello irrizulta li fil-waqt li sad-data tas-sentenza appellata, l-appellant kien lahaq irrettifika xi nuqqasijiet, ma kienx ghadu ottempera ruhu mat-tielet kondizzjoni miftehma fil-garanzija w cioe' dik appena hawn fuq imsemmija li sal-15 ta' Gunju, 2003 jottjeni il-licenzja biex jopera mid-Dipartiment tal-Kummerc. Mix-xhieda ta' Conrad Borg jirrizulta li biex it-Trade Department johrog il-licenzja ikunu jridu l-approval tas-Sanita' u tal-MEPA .

**Illi biex anki ghall-fini ta' piena jigi stabilit jekk din il-kondizzjoni kienetx al menu sal-lum osservata, l-appellant inghata l-fakolta' li jipprezenta kull dokument relattiv li jipprova li hu kellu l-permess jew permessi relattivi . Izda, mid-dokument RM1 anness man-nota pprezentata mill-appellant kull ma jidher hu li hu kien applika ghal "development permission" u minn imkien ma jidher li dan il-permess sal-15 ta' Gunju, 2003 jew almenu s' issa nhareg. Ghalhekk din**

**il-Qorti hija altru milli sodisfatta sal-grad tal-konvinciment morali li tali kondizzjoni imposta bil-garanzija msemmija ma gietx imwettqa .**

**Inoltre sas-26 t' April, 2004 (Dok. CM a fol.3) jirrizulta li kien hemm mill-inqas tlitt nuqqasijiet ohra li kien ghadhom ma gewx osservati mill-appellant, nonostante li kien ghadda z-zmien stipulat fil-garanzija,ghalkemm dawn sussegwentement kienu lahqu gew rettifikati sad-data tas-sentenza appellata. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-ewwel imputazzjoni li hu kiser il-garanzija tirrizulta pruvata. Ghalhekk l-ewwel aggravju ma hux gustifikat.**

Illi it-tieni aggravju tal-appellant pero' jidher gustifikat u dana ghaliex meta l-awtorita' tas-sahha, wara li tirriskontra xi reat, taghzel , fid-diskrezzjoni taghha, li taghti twissija w titlob il-garanzija wara li issib xi ksur tal-ligi jew tar-regolamenti, ma jittiehdu ebda procedimenti ohra rigward dak il-ksur jew reat. Hi effettivament, b'din il-procedura pjuttost gdida, tkun qed taghti "condono" tar-reati riskontrati. Ir-reat li umbaghad jista' jikkonkretizza ruhu ikun dak kontemplat fis-subartikolu (3) tal-artikolu 39 u cioe' dak tal-ksur tal-garanzija nnifisha . Ghalhekk il-Prosekuzzjoni ma setghetx terga tipprocedi kontra l-appellant ghan-nuqqasijiet indikati fit-tieni sal-hames imputazzjoni w l-Ewwel Qorti, ladarba sabet li l-awtorita' tas-sahha kienet imxiet bil-mod kontemplat fl-artikolu 39 (1) , ma setghetx ssibu hati ta' nuqqasijiet li kienu gew kondonati w komprizi fil-garanzija, imma setghet biss issib htija ghat-tenur tas-subartikolu (3) u cioe' tar-reat tal-ksur tal-garanzija nnifisha biss.

Dwar il-piena pero', nonostante l-konkluzzjoni raggunta fil-paragrafu precedenti, l-piena pekunjarja nflitta mill-Ewwel Qorti kienet il-"minimum" preskritt mill-ligi ghall-htija taht l-ewwel imputazzjoni w konsegwentement ma hemmx lok ghal ebda riduzzjoni fil-piena, ghaliex din hija l-inqas piena li seta' jehel ghar-reat taht l-ewwel imputazzjoni li tieghu il-htija qed tigi konfermata minn din il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba w l-hames imputazzjoni w minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u tilliberah minnhom, u tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni w kkundannatu ghal mitejn lira Maltin multa , li ghandhom jithallsu f' rati mensili fi zmien sitt xhur, b'dana li t-terminu ghalll-hlas jibda' jiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------